**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru.230/11 VG**

**Thea Pisani u Nicole Pisani**
**Vs**
**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 15 ta' Ottubru 2015**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Thea Pisani u Nicole Pisani fil-31 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jannulla l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Nru. IV113439 in segwitu ghad-decizjoni tieghu datata 29 ta' Awwissu 2011 rigwardanti t-trasferiment li sehh bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009, peress illi tali Likwidazzjoni ta' Taxxa hija abbusiva, illegali w ingusta u mhux skond il-Ligi stante li l-imsemmi kuntratt gie rexiss u ghalhekk *quod nullum est nullum producit effectum* bil-konsegwenza li fl-interess tal-gustizzja u ta' l-ekwità l-Likwidazzjoni ta' Taxxa imsemmija ghandha tigi revokata;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 u 5 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra li b'Digriet moghti fid-9 ta' Frar 2012[1] it-Tribunal ordna li fir-Rikors promotur u kull fejn mehtieg fl-atti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi

[1] Fol. 29 tal-process.

indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh bl-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Marzu 2012 markati Dok. "CCL1" a fol. 30 sa' 58 tal-process u permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Ottubru 2012 a fol. 74 u 75 tal-process u ra d-dokument markat Dok. "MA" esebit mid-Direttur Generali (Taxxi Interni) già Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' Nota pprezentata fid-29 ta' Novembru 2012 a fol. 81 u 82 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Edwin Pisani[2] u tar-Rikorrenti Nicole Pisani[3] moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, ix-xhieda ta' Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "IP1" sa' Dok. "IP4" a fol. 64 sa' 73 tal-process u sema' x-xhieda tal-Perit Mario Axisa moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2012[5];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti ahwa Pisani jikkontestaw il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV113439 datata 30 ta' Awwissu 2011 mahruga fil-konfront taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni in segwitu ghad-decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni datata 29 ta' Awwissu 2011, rigwardanti t-trasferiment tal-fond Nru.1, Sqaq Nru.5, Siggiewi Street, Zebbug, bis-sahha ta' kuntratt datat 26 ta' Awwissu 2009 u permezz ta' liema l-Kummissarju jesigi hlas tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €28,700 u tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa addizzjonali/penali, ghall-ammont komplessiv ta' €2,009.

Ir-Rikorrenti jikkontendu li l-imsemmija decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa ghandhom jigu annullati stante li: (i) fl-ewwel lok, il-kuntratt datat 26 ta' Awwissu 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, bis-sahha ta' liema l-fond Nru.1, Sqaq Nru.5, Siggiewi Street, Zebbug, gie trasferit lilhom b'titolu ta' donazzjoni minn missierhom Edwin Pisani, gie rexiss b'kuntratt fl-atti ta' l-istess Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 27 ta' April 2011 stante li rrizulta li l-fond in kwistjoni ma kienx di proprjetà ta' missierhom izda tas-socjetà Combined Catering

[2] Fol. 60 tal-process.
[3] Fol. 61 tal-process.
[4] Fol. 73A sa' 73C tal-process.
[5] Fol. 83 sa' 85 tal-process.

Company Limited; (ii) ma gewx segwiti l-principji ta' *audi alteram partem* peress illi huma qatt ma gew notifikati bil-proceduri bl-ittra registrata tat-12 ta' Mejju 2010, jew skont kif jahsbu huma tat-12 ta' Mejju 2011, gialadarba l-oggezzjoni taghhom giet sottomessa fit-28 ta' Gunju 2010; (iii) huma kienu msefrin barra minn Malta, senjatament il-Gappun, bejn Settembru 2010 sa' Settembru 2011; u (iv) il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ha d-decizjoni tieghu minghajr ma tahom l-opportunità li jiddefendu ruhhom u konsegwentement ghalhekk id-decizjoni tieghu u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa huma irriti u nulli peress illi huma in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom, partikolarment tad-dritt ta' gustizzja naturali li huma kellhom jigu notifikati qabel ma l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni jasal ghad-decizjoni tieghu.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda u minflok id-decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni mehuda minnu u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu jigu kkonfermati stante li huma gusti u saru skond il-Ligi.

Mill-provi prodotti jirrizulta li:

- Bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009[6], Edwin Pisani, missier ir-Rikorrenti, assenja u t-trasferixxa b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli a favur ir-Rikorrenti wliedu l-fond Nru.1, fi Sqaq Nru.5, Siggiewi Street, Haz-Zebbug;
- Il-valur tal-proprjetà dikjarat ghall-fini ta' tali trasferiment kien ta' €23,300;
- Ghall-finijiet ta' l-Att XXVII ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti gie dikjarat li *l-fuq imsemmi Edwin Pisani akkwista b'titolu oneruz minghand l-ahwa Cachia l-proprjetà hawn trasferita u dana in forza ta' kuntratt ta' kompravendità fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija sebgha u tmenin (1987);*
- Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni nkariga lill-Perit Mario Axisa sabiex jaghti stima tal-fond in kwistjoni sabiex jigi determinat il-valur reali ta' tali fond fiz-zmien tat-trasferiment ghall-finijiet tat-taxxa dovuta ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Wara li ghamel spezzjoni tal-fond in kwistjoni l-Perit Axisa ddetermina li l-valur reali tal-fond fiz-zmien tat-trasferiment kien ta'

[6] Dok. "A" a fol. 4 tal-process.

€52,000 u cioè €28,700 iktar mill-valur dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni[7];

- In bazi ghal tali stima l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa fil-konfront ta' Thea Pisani ghall-hlas tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €28,700 u tas-somma ta' €1,004.50 bhala taxxa addizzjonali, komplessivament ammontanti ghal €2,009[8];
- Permezz ta' ittra datata 28 ta' Gunju 2010[9], Thea Pisani oggezzjonat ghal tali Likwidazzjoni ta' Taxxa stante li *l-post li jien gejt donata minghand missieri huwa fi stat hazin hafna u ghaldaqstant il-valur li inghata fil-kuntratt huwa gust u xieraq*, liema oggezzjoni jidher li kienet sostanzjata bi stima tal-Perit Italo Raniolo liema stima però baqghet ma gietx esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri;
- Fis-27 ta' April 2011 bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia, Edwin Pisani min-naha 'l wahda u r-Rikorrenti min-naha l-ohra rrexxindew il-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti ta' l-istess imsemmi Nutar datat 26 ta' Awwissu 2009[10];
- B'decizjoni moghtija fid-29 ta' Awwissu 2011 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifjuta l-oggezzjoni tar-Rikorrenti datata 28 ta' Gunju 2010 peress illi *at objection stage, reference was again made to the departmental engineer who stated that property consists of two main rooms covering an area of forty one square meters (41m²) followed by a yard and a stairs leading to a room at first-floor level and another stairs leading to a "kantina". Total site area of the property is circa eighty five square meters (85m²). The fact that property is in bad state was in fact taken into consideration in his original valuation. The engineer noted also that the property has interesting architectural features and he is convinced that when restored, this property would be a nice typical town-house. He thus confirmed his original valuation. On the other hand, transferees (donees) failed to produce any evidence to show that the value declared in the deed is correct. Under the circumstances the Commissioner sees no valid reason for discarding the advice obtained by him and confirms his assessment in that respect* u fit-30 ta' Awwisssu 2011 hareg il-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa ghall-figuri kkonfermati ta' €1,004.50 bhala taxxa fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €28,700 u ta' €1,004.50 bhala taxxa addizzjonali;
- Ir-Rikorrenti llum jikkontestaw l-imsemmija decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghaliex, fost affarijiet ohra, peress illi l-kuntratt ta'

---

[7] Dok. "IP2" a fol. 67 tal-process.
[8] Dok. "IP4" a fol. 69 tal-process.
[9] Dok. "IP3" a fol. 68 tal-process.
[10] Dok. "B" a fol. 5 tal-process.

trasferiment originali – ossia dak fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009 – gie rexiss b'kuntratt iehor datat 27 ta' April 2011 in kwantu null, u dana billi rrizulta li Edwin Pisani ma setghax jassenja l-imsemmi fond b'titolu ta' donazzjoni a favur uliedu peress illi dan kien di proprjetà ta' terza persuna, u cioè is-socjetà Combined Catering Company Limited, ebda taxxa fuq valur addizzjonali taxxabbli u taxxa addizzjonali ma jistghu jigu pretizi u wisq inqas mitluba minghandhom in konnessjoni ma' tali trasferiment in segwitu rexiss in kwantu null.

In sostenn ta' dan l-aggravju partikolari r-Rikorrenti esebew ricerki tas-socjetà Combined Catering Company Limited[11] minn liema jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 27 ta' Dicembru 1990, Edwin Pisani kien ikkonceda lill-imsemmija socjetà l-fond numru 1, Sqaq Nru.5, Siggiewi Street, Haz-Zebbug, b'titolu ta' sub-enfitewsi perpetwa.

Ai termini tal-Ligi nostrali l-kuntratt ta' enfitewsi jew sub-enfitewsi skond il-kaz, huwa kuntratt bis-sahha ta' liema *wahda mill-partijiet li jikkuntrattaw taghti lill-parti l-ohra, ghal dejjem jew ghal zmien, fond, bi hlas ta' kull sena determinat jew b'cens determinat, illi din ta' l-ahhar tintrabat li thallas lilha, fi flus jew f'oggetti, bhala rikonoxximent tad-dominju*[12]. Ai termini ta' l-Artikolu 1504 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *c-censwalist jista' jbiddel il-wicc tal-fond, basta li b'daqshekk ma jgharrqux. Huwa jiehu l-utili kollha tal-fond, u ghandu jedd jirrivendika l-fond minghand kull pussessur, sahansitra minghand il-padrun dirett. Imiss lilu t-tezor li jinsab fil-fond, bla hsara tas-sehem li jmiss, skont il-ligi, lil dak li jkun sabu* u ai termini ta' l-Artikolu 1508 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi *c-censwalist jista', minghajr ma jgharraf lill-padrun dirett jew ma jitlob il-kunsens tieghu, jiddisponi mill-fond suggett ghal enfitewsi u mill-miljoramenti, sew b'att fost il-hajjin kemm b'disposizzjoni testamentarja. Izda, kull trasferiment maghmul xort' ohra milli b'att pubbliku ma jiswiex.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car li tul il-koncessjoni enfitewtika jew sub-enfitewtika skond il-kaz, il-godiment ta' l-immobbli hekk koncess jghaddi f'idejn l-utilista filwaqt li d-direttarju jibqalu d-dritt li jircievi il-hlas tac-cens annwu stipulat. Fir-rigward Torrente jispjega li *l'enfiteusi attribuisce alla persona a cui favore è costituita lo stesso potere di godimento che spetta al proprietario, salvo l'obbligo di migliorare il fondo e di pagare al proprietario concedente un canone periodico. ... A differenza dell'usufruttuario l'enfiteuta può anche mutare la destinazione del fondo purchè non lo deteriori. ... Questo potere di godimento, che, per*

[11] Dok. "CCL" a fol. 31 sa' 58 tal-process.
[12] Artikolu 1494 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

*effetto della costituzione di enfiteusi spetta all'enfiteuta, si suol denominare dominio utile: al proprietario o concedente compete il dominio diretto che, in concreto, si riduce a ben poca cosa (il diritto al canone)*[13].

Minn dan johrog car ghalhekk li in segwitu ghall-koncessjoni sub-enfitewtika perpetwa a favur is-socjetà Combined Catering Company Limited bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 27 ta' Dicembru 1990, Edwin Pisani ma setghax jittrasferixxi l-fond Nru.1, Sqaq Nru.5, Siggiewi Street, Haz-Zebbug, a favur uliedu r-Rikorrenti. Huwa se mai seta' jittrasferixxi biss is-subdirett dominju perpetwu fuq tali fond, haga li però ma jirrizultax li ghamel in kwantu mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009 it-trasferiment gie deskritt b'dan il-mod: *in forza ta' dan il-kuntratt Edwin Pisani qieghed jassenja u jittrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli versu uliedu l-Ahwa Pisani li bl-istess titolu ta' donazzjoni irrevokabbli qed jaccettaw u jakkwistaw flimkien u in solidum bejniethom il-fond bin-numru ufficjali wiehed (1), inkluz l-arja u s-sottosuol relattiv tieghu, fi Sqaq Numru 5, Siggiewi Street, Haz-Zebbug, inkluz il-bir komuni mal-fond vicin u kantina sottoposta ghal fond vicin, liberu u frank, bid-drittijiet u l-gustijiet tieghu kollha*[14].

B'hekk Edwin Pisani u wliedu r-Rikorrenti gustament ikkunsidraw li id-donazzjoni konkluza bejniethom fis-26 ta' Awwissu 2009 bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia ma kenitx legalment valida u bhala tali kellha tigi revokata, kif fil-fatt gara bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 27 ta' April 2011.

Waqt it-trattazzjoni orali l-Kummissarju tat-Taxxi osserva li l-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009 gie rexiss mill-partijiet kontraenti, ossia Edwin Pisani u r-Rikorrenti, bla raguni. Bhala fatt huwa veru li fil-kuntratt ta' rexissjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 27 ta' April 2011[15] il-partijiet kontraenti semplicement iddikjaraw li *in forza ta' kuntratt ta' donazzjoni rrevokabbli fl-atti tieghi stess is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) Edwin Pisani kien ittrasferixxa w assenja lill-Ahwa Pisani li minn naha taghhom accettaw u akkwistaw il-fond bin-numru ufficjali wiehed (1), inkluz l-arja u s-sottosuol relativi tieghu, fi Sqaq Numru hamsa (5), Siggiewi Street, Haz-Zebbug, Malta, inluz il-bir komuni mal-fond vicin u kantina sottoposta ghal fond vicin, liberu u frank, bid-drittijiet u l-gustijiet tieghu kollha. Illi l-partijiet qabblu li jirrexindu l-*

---

[13] Manuale di Diritto Privato, Andrea Torrente & Piero Schlesinger, Giuffrè Editore, 14ª Edizione, pag. 311 u 312.
[14] Dok. "A" anness mar-Rikors promotur, fol. 4 tal-process.
[15] Dok. "B" anness mar-Rikors promotur, fol. 5 tal-process.

*kuntratt fuq imsemmi. B'hekk permezz ta' dan l-att il-partijiet qeghdin jirrexxindu l-kuntratt ta' donazzjoni irrevokabbli fl-atti tieghi stess tas-sitta u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009),* izda b'daqshekk ma jfissirx li dak li rrizulta mill-provi prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri, ossia li Edwin Pisani effettivament ghamel trasferiment a favur uliedu r-Rikorrenti li ai termini tal-Ligi ma setghax jaghmlu, ghandu jigi injorat jew skartat.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jikkontendi li d-decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni moghtija minnu fis-29 ta' Awwissu 2011 u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga minnu fit-30 ta' Awwissu 2011 ma ghandhomx jigu revokati, anzi ghandhom jigu kkonfermati, ghar-raguni li r-Rikorrenti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-istima tal-fond da parte tal-Perit Mario Axisa ghall-valur ta' €52,000 u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga a bazi taghha huma eccessivi. Jikkkontendi li l-unika oggezzjoni sollevata mir-Rikorrenti tittratta dwar l-istat hazin li fih kien il-fond fiz-zmien tat-trasferiemnt izda tali fattur ittiehed in konsiderazzjoni mill-Perit Axisa fl-istima originali tieghu, kif minnu stess ikkonfermat fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal[16]. Il-Kummissarju jinsisti ghalhekk li fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti li l-istima kontestata hija eccessiva r-Rikorrenti ghandhom ihallsu t-taxxa ta' €1,004.50 fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €28,700 u t-taxxa addizzjonali ta' €1,004.50 u imbaghad se mai jitolbu r-refuzjoni tat-taxxa imhallsa ai termini ta' l-Artikolu 62 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta[17].

L-imsemmi Artikolu tal-Ligi jipprovdi li: *(1) Il-Kummissarju jista' bla hsara ghal dawk il-kondizzjonijiet li jistghu jigu stabbiliti jaghti hlas lura tat-taxxa meta – (a) xi dokument ikun gie bi zball imhassar, imqatta' jew ikun sar mhux tajjeb ghall-uzu qabel ma jigi maghmul; jew (b) xi dokument ikun wara gie dikjarat null minn xi qorti kompetenti; jew (c) l-istat tad-dokument ikun hekk li jkun gustifikat li jigi mibdul b'dokument iehor ta' l-istess xorta, izda l-kunsens tal-Kummissarju ghal dik il-bidla jingieb qabel dan isir u li t-taxxa dwar id-dokument fiz-zmien li ssir il-bidla tkun digà thallset; jew (d) l-ammont ricevut mill-Kummissarju ma kienx dovut; jew (e) minhabba zball fil-kalkolu, kienet thallset taxxa zejda; jew (f) dokument maghmul ghall-ghanijiet ta' registrazzjoni jew biex jigi pprezentat lil awtorità stabbilita b'ligi ma jkunx accettat minhabba li ma jaqbilx mal-htigijiet ta' l-awtorità li tkun, meta d-dokument, sew jekk ikun jiftiehem li jkollu xi validità bejn il-partijiet sew jekk le, jonqos li jilhaq l-ghan li ghalih ikun gie maghmul.*

[16] Minuta tal-Perit Axisa lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni datat 16 ta' Awwissu 2010, Dok. "MA" a fol. 82 tal-process u xhieda moghtija mill-Perit Axisa waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru 2012, fol. 83 sa' 85 tal-process.
[17] Sottomissjoni avvanzata waqt it-trattazzjoni orali.

Minn qari ta' dan l-Artikolu tal-Ligi johrog car li wahda mic-cirkostanzi fejn il-Kummissarju tat-Taxxi jista' fuq talba tat-*taxpayer* jirrifondi taxxa li tkun thallset fuq dokument ai termini tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, hija c-cirkostanza fejn id-dokument in kwistjoni jigi dikjarat null minn Qorti kompetenti. Ghalkemm il-fattispeci tal-kaz in ezami ma jaqghux perfettament fl-ambitu ta' dak provdut fl-Artikolu 62(1)(b) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal iqis li minnu jista' jittiehed spunt li jwassal biex it-talba tar-Rikorrenti ghar-revoka tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa meritu ta' dawn il-proceduri tigi, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, milqugha.

Fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament ippruvat li Edwin Pisani ttrasferixxa favur wliedu b'titolu ta' donazzjoni fond li fiz-zmien ta' trasferiment kien koncess b'titolu ta' sub-enfitewsi perpetwa a favur terza persuna, senjatament is-socjetà Combined Catering Company Limited. B'hekk Edwin Pisani kien f'impossibilità legali li jaghmel tali trasferiment u konsegwentement ghalhekk it-trasferiment kien evidentement null u bla effett fil-Ligi u soggett ghat-thassir. Peress illi Edwin Pisani u r-Rikorrenti huma imparentati, ossia huma missier u ulied, il-kwistjoni qatt ma wasslet quddiem Qorti ta' kompetenza civili izda huma minn jeddhom u b'mod bonarju ghaddew ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' trasferiment b'titolu ta' donazzjoni bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 27 ta' April 2011. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li kuntratt kjarament null ma giex hekk dikjarat null u konsegwentement imhassar minn Qorti kompetenti izda gie bonarjament rexiss bejn il-partijiet kontendenti ma ghandux – ghall-finijiet ta' refuzjoni ta' taxxa imhallsa fuq tali trasferiment ai termini ta' l-Artikolu 62 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta – jahdem kontra l-istess partijiet kontraenti ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni potenzjalment diskriminatorja bejn dawk il-partijiet kontraenti li ma jiftehmux b'mod bonarju u jirrikorru ghall-gudizzju tal-Qorti fir-rigward ta' dikarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt u dawk il-partijiet kontraenti li jaghzlu li jhassru kuntratt hekk null b'mod bonarju.

Ladarba c-cirkostanzi tal-kaz in ezami huma tali li jistghu jwasslu anzi, fil-fehma tat-Tribunal ghandhom iwasslu ghal ezitu favorevoli ghal talba eventwali tar-Rikorrenti ghar-refuzjoni tat-taxxa u taxxa addizzjonali li jigu imgieghla jhasslu skond il-Likwidazzjoni ta' Taxxa meritu ta' dawn il-proceduri, b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja u l-ekwità u sabiex jigi evitat dilungar inutili tal-pendenzi bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u r-Rikorrenti, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra r-Rikorrenti ghandha **ghal din ir-raguni specifika** tigi revokata u imhassra.

Ghad illi t-Tribunal iqis li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa meritu ta' dawn il-proceduri ghandha ghar-raguni appena specifikata tigi revokata u mhassra, huwa tal-fehma li l-ispejjez konnessi ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu

sopportati interament mir-Rikorrenti u dana billi kieku huma indenjaw ruhhom jinfurmaw lill-Kummissarju tat-Taxxi Interi li l-kuntratt ta' trasferiment b'titolu ta' donazzjoni datat 26 ta' Awwissu 2009 gie rexiss in kwantu null, il-kwistjoni x'aktarx ma kenitx tasal sa' hawn.

Ghalkemm ir-Rikorrenti jikkontendu li huma ghamlu zmien konsiderevoli barra minn Malta, ma jirrizulta li kien hemm xejn x'jwaqqafhom milli mal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' rexissjoni fis-27 ta' April 2011 huma jinfurmaw lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'dan il-fatt. Dana l-att gie pubblikat fi zmien meta l-oggezzjoni ghall-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni kienet ghadha pendenti in kwantu d-decizjoni ta' rifjut ta' l-oggezzjoni nghatat ben erba' xhur wara, ossia fid-29 ta' Awwissu 2011, u ghall-pubblikazzjoni ta' l-att ta' rexissjoni r-Rikorrenti deheru personalment u ghalhekk dak iz-zmien kienu Malta u setghu, anzi fil-fehma tat-Tribunal, messhom gabu tali fatt a konjizzjoni tal-Kummissarju, haga però li ghal ragunijiet li jafu huma biss ma ghamlux.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa mahruga kontra taghhom mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Nru. IV113439 in segwitu ghad-decizjoni tieghu datata 29 ta' Awwissu 2011 rigwardanti t-trasferiment li sehh bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Paul Farrugia datat 26 ta' Awwissu 2009, u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u ghar-ragunijiet moghtija l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mir-Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**